**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**Anthony Vella**

**Kump Numru : 180/2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Anthony Vella** detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru **0618958M**, fejn gie akkuzat talli nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju 2020 għal ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (1745hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq il-Qasab, f'San Ġwann;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' **Fabio Giunta** (detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0198072A**)** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura gravi; *Artikoli 214, 215, 216 (1)(b) u 218 (1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*;

2. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil **Fabio Giunta** biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu; *Artikolu 251B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*;

3. Ħebb kontra l-persuna ta' **Fabio Giunta** sabiex jinġurjah, idejjqu, jew jagħmillu l-ħsara; *Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*;

4. Inġurja jew hedded lill-**Fabio Giunta**, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni; *Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Fabio Giunta**, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Artikoli ta’ l-Avukat Generali tas-7 ta’ Jannar 2021 (ara folio 131), u l-kunsens ta’ l-imputat, sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qort, ta` nhar il-25 t’Ottubru 2021 (ara folio 136a);

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-

atti, li jikkonfortaw sew din l-ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni tal-imputat u fuq kollox in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet migjuba. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216(b), 251B(1), 339(1)(d)(e), 382A, 383, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddisponi minn din il-kawza bil-mod segwenti:

Issib lill-imputat hati, fuq ammisjoni tieghu stess, ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **Anthony Vella,** fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Fabio Giunta** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Anthony Vella** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Anthony Vella** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Anthony Vella** milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez skond il-Ligi fl-ammont ta' €262.50. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur